MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1179/2002

**Cit Nru: 1179/02 JA**

**Leone u Rita konjugi Grech.**

**-vs-**

**Gregory J. Conley.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 t' Ottubru, 2002 li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi kienu akkwistaw fond immobiljarji bin-numru tmienja u erbhin (48), The Strand, Kalkara;

Illi dan il-fond ta’ l-atturi jinsab taht proprjeta li akkwista l-konvenut, liema proprjeta iggib in-numru sebgha u erbghin (47), The Strand, Kalkara;

Illi l-atturi fl-imsemmija proprjeta tahhom ghandhom shaft, liema shaft jaghti ghal bitha tal-konvenut. Dan is-shaft jservi bhala passagg minn fejn tghaddi l-arja u l-ventilazzjoni necessarja ghal proprjeta’ ta’ l-atturi.

Illi dan l-ahhar, l-konvenut ghamel, jew qabbad lil min jaghmel xogholijiet fil-proprjeta’ tiehu, b’ liema xogholijiet id-drittijiet tal-atturi hawn fuq indikati gew lezi;

Illi ma’ dawn ix-xogholijiet, li saru matul din l-ahhar sena, kien hemm ukoll it-tisqif ta’ dik li qabel kienet il-bitha u b’ hekk l-arja li setghet tidhol qabel minn dan is-shaft issa spicca fix-xejn jew kwazi fix-xejn;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex huwa ma jnaqqas mid-drittijiet ta’ l-atturi ghar-rigward ta’ l-arja li kienet tghaddi minn dan is-shaft ghal proprjeta’ taghhom;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li x-xogholijiet maghmula mill-konvenut kif fuq spjeqat, saru abbuzivament u illegalment, u minghajr ebda dritt validu fil-Ligi;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha mehtiega sabiex l-atturi jigu reintegrati fid-drittijiet kollha taghhom, u dan taht is-sorveljanza ta’ perit nominat ghal dan l-iskop;

3. Tordna li fin-nuqqas, l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet necessarji, taht id-direzzjoni ta’ perit nominat u dana a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Rita Grech fit-22 t' Ottubru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u b' hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

**Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut u tordna li x-xoghol isir taht is-surpervizzjoni tal-AIC  Rene' Buttigieg fi zmien xahar millum u fin-nuqqas l-atturi qed jigu awtorizzati jaghmlu x-xoghol huma a spejjez tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------